MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 1788/1998/2

**Margaret Attard**

**v.**

**Dr. Ian Spiteri Bailey u P.L. Madalene Firman li b'digriet tas-**
**7 ta' Ottubru 1998 gew nominati kuraturi biex jirrapresentaw lill-assenti Maria Carmela Castle u l-Avukat Dottor Victor Emmanuel Ragonesi bhala ezekutur testamentarju tal-**
**mejjet Anthony Theuma Castelletti maghruf bhala Anthony Castle**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment limitat ghall-kwistjoni, sollevata mill-Qorti *ex officio*, dwar id-deserzjoni tal-kawza fit-termini ta' l-Artikolu 963(5)(b) tal-Kap. 12.

Fl-ewwel udjenza ta' l-appell f'din il-kawza, cioe` fl-14 ta' Dicembru 2007, il-Qorti gibdet *ex officio* l-attenzjoni tal-partijiet li r-rikors ta' appell ta' Margaret Attard ma kienx gie notifikat entro t-terminu ta' sena, kif tirrikjedi l-ligi, lil Dott. Victor Emmanuel Ragonesi fil-kwalita` tieghu premessa. L-imsemmi Dott. Ragonesi gie notifikat bl-avviz ta' smigh fit-3 ta' Dicembru 2007, u kien biss fit-12 ta' Dicembru 2007 li huwa gie notifikat bir-rikors ta' appell – l-appell gie introdott fl-20 ta' Lulju 2005.

Fl-4 ta' Dicembru 2007, l-imsemmi Dott. Ragonesi pprezenta rikors li bih, wara li fisser li hu kien "gie notifikat bir-rikors ta' Margaret Attard, presentat fil-20 ta' Lulju 2005" fit-3 ta' Dicembru 2007 – proprjament hu kien gie notifikat sa dak iz-zmien biss bl-avviz ghas-smigh – talab li l-proceduri "jigu sospizi sakemm, f'qasir zmien, ikun jista' jezamina l-istess rikors u jirrispondieh." In segwitu, permezz ta' rikors iehor datat 12 ta' Dicembru 2007 l-istess Dott. Regonesi informa lill-Qorti li hu kien gie legalment notifikat bir-rikors ta' appell dik il-gurnata stess (12/12/07), u informa l-Qorti wkoll li hu "ser ikun imsiefer mit-13 sal-20 ta' Dicembru 2007".

Fl-ewwel udjenza aktar 'l fuq imsemmija, cioe` tal-14 ta' Dicembru 2007, l-appellanti Attard, permezz tad-difensur taghha, ippresentat nota li permezz taghha cediet "l-atti tal-kawza fil-konfront ta' l-appellat Dr. Victor Ragonesi LL.D." In segwitu, permezz ta' nota presentata fit-2 ta' Jannar 2008, Dott. Ragonesi irrinunzja "…b'referenza ghall-artikolu 963 tal-Kap. 12, ghall-eccezzjoni tad-deserzjoni tal-kawza u ghal-kull konsegwenza minhabba in-nuqqas tan-notifika entro t-terminu ta' sena."

Issa, ghalkemm huwa minnu li galadarba l-atti kienu gew ceduti fil-konfront ta' l-imsemmi Dott. Victor Ragonesi permezz tan-nota tal-14 ta' Dicembru 2007 u ghalhekk

huwa hareg mill-kawza, l-istess Dott. Ragonesi ma setax espressament jirrinunzja ghall-eccezzjoni tad-deserzjoni tal-kawza permezz tan-nota tieghu tat-2 ta’ Jannar 2008, huwa wkoll evidenti, fil-fehma ta’ din il-Qorti, li hawn si tratta ta’ rinunzja implicita ta’ dik l-eccezzjoni li ghaliha ghandu japplika s-subartikolu (4) tal-Artikolu 963. Dan l-appellat, in fatti, mhux biss, permezz tan-nota tieghu tal-4 ta’ Dicembru 2007 talab zmien biex “jezamina r-rikors u jirrispondih” – huwa seta’ facilment qabad u eccepixxa d-deserzjoni flok talab zmien biex iwiegeb – izda qabel l-udjenza imsemmija tal-14 ta’ Dicembru 2007, b’rikors iehor (tat-12/12/07) informa lill-Qorti li fl-14 ta’ Dicembru 2007 huwa kien ser ikun imsiefer – ghalhekk huwa ma setax jidher ghal dik l-udjenza ghall-finijiet tas-subartikolu (4) imsemmi.

Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, l-appellat Dott. Ragonesi, anke qabel in-nota tieghu tat-2 ta’ Jannar 2008, kien implicitament irrinunzja ghall-eccezzjoni tad-deserzjoni, u dan permezz taz-zewg rikorsi tal-4 ta’ Dicembru 2007 u tat-12 ta’ Dicembru 2007. Konsegwentement ma hemmx lok li tigi pronunzjata d-deserzjoni tal-kawza kif originarjament prospettat minn din il-Qorti fl-udjenza tal-14 ta’ Dicembru 2007. Tibqa’ ferma, naturalment, ic-cessjoni tal-atti tal-kawza fil-konfront ta’ l-appellat Dott. Ragonesi maghmula mill-appellanti permezz tan-nota taghha tal-ahhar imsemmija data. Il-Qorti tordna l-prosegwiment tas-smigh ta’ dana l-appell.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------